**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA 18 ta’ SETTEMBRU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.40ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D’Amato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D’Amato, s-Sur Kyle Mifsud, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **4.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 4.1.1 | | Ma kienx hawn ittri ta’apoloġija x’jinqraw. |
| | | |
| **4.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 4.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph DÄmato staqsa jekk is-Sindku rċevietx xi risposta mingħand is-Sur Mario Fava fuq is-sotto kumitati. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv u infurmat li ser terġa tibgħat tfakkira. |
| | | |
| 4.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia reġa staqsa lill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia għal liema fondi u proġett kien qed jirreferi fit-tieni seduta ta’ din il-leġiżlatura. Il-Viċi Sindku qal li ma kienx iċċekja. |
| | | |
| 4.2.3 | | Fir-rigward ta’ punt 3.4.4, il-Kunsillier Marisa D’Amato ġabet ritratti li juru fejn kienet il-barriera li minnha ttieħed materjal biex tinbena parti mill-knisja arċipretali taż-Żurrieq. Hi qalet li fil-post għad jidher evidenti li hemm barriera antika u li tinsab mirduma b’radam frisk. Il-Kunsillier Marisa D’Amato ssuġġeriet li hekk kif issa qed isir tisbieħ tal-akwata, jitneħħa parti mir-radam tal-barriera, din tkun imsaqfa f’xi materjal li tibqa viżibli u tiddawwal. Hi żieded tgħid li din hi wirt storiku u ta’ valur għar-raħal u għandha tinkiteb skrittura li tindika dan kollu, fejn tinsab. Kien hemm qbil li l-persuna li taf fuq din il-barriera tkun avviċinata mill-Kunsillier Joseph D’Amato li qed jieħu ħsieb it-tisbieħ tal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | akwata. |
| | | |
| 4.2.4 | | Fir-rigward ta' punt 3.4.5, il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu ried jgħid li meta jkun hemm xi ilment jew ordni ta' xogħol fuq tindif, hu għandu jkun ikkupjat. |
| | | |
| 4.2.5 | | Fir-rigward ta' punt 3.6.1(i) il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wara s-seduta eżatt, irċieva messaġġ personali fejn persuna akkużatu li kien hu kien, li ma ridx li l-ex kunsillier jitla bħala parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill fil-konferenza tal-paċi. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ħassu urtat għal mogħod kif xi persuna wasslet il-messaġġ lil dan l-ex kunsillier, għax kliemu ma kienx kif twassal tali messaġġ. Hu żied jgħid li sa mil-leġislatura preċedenti ma kienx jaqbel li l-Kunsill jidħol fi sħab fil-konferenza tal-paċi, għax minnha l-Kunsill u ż-Żurrieq ma kienu ser jieħdu xejn. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jispera li minn wassal il-messaġ ħażin wara l-aħħar seduta, jerġa jwassal il-messaġġ kif għandu jkun. |
| | | |
| | | |
| 4.2.6 | | Fir-rigward ta' punt 3.6d3 il-Kunsillier Jospeh D'Amato qal li jiskuża ruħu pubblikament għal mogħod kif forsi kliemu setgħa inftiehem fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv u qal li kliemu ma kienx intenzjonat għaliha, imma għall-informazzjoni li ġiet mgħotija lilha. |
| | | |
| 4.2.7 | | Ġew approvati l-minuti tat-tielet seduta. |
| | | |
| ***4.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 4.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li l-ġimgħa l-oħra hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-trasport u proġetti kapitali, flimkien ma' rappreżentanti mid-Direttorat tal-istorm water catchment u mal-periti ta' kull sezzjoni. F'din il-laqgħa ġie diskuss master plan ta' ġbir ta' ilma b'culverts, tisbieħ ta' toroq għall-pedestrians, ċiklisti, postijiet fejn jiġu ċċarġjati l-vetturi elettroniċi u tisbieħ tal-misraħ. Dan il-master plan ser ikun ta' benefiċċju ħolistiku għar-residenti żrieraq. Hi nfurmat li jekk il-Kunsill jaqbel ma dan il-proġett, il-Kunsill japplika għall-permessi mal-Awtorita tal-ippjanar, tal-pjan kollu u wara jinbeda x-xogħol bi sħab ma' entitajiet tal-gvern.<br>Is-Sindku żieded tgħid li jekk il-Kunsill jaqbel ma tali proġett il-Ministeru għat-trasport ser jitlob il-finanzi tiegħu fil-budget li jmiss u x-xogħol ikun jista jibda fis-sena 2020.<br><br>Il-Kunsill qabel mal-proġett. Il-Kunsill ippropona li ssir laqgħa oħra mal-entitajiet involuti, biex jispjegaw il-proġett aħjar lill-kunsilliera li jkunu interessati li jattendu. |
| | | |
| 4.3.2 | | Is-Sindku qalet li riċeviet petizzjoni minn residenti fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba fejn oġġezzjonaw li l-Kunsill jinstalla CCTV fl-akwati minħabba l-privatezza tar-residenza tagħhom. Kien hemm qbil li wara li l-Kunsill sema l-ilmenti tan-nies kemm matul is-sena u kemm fil-laqgħa annwali ta' qabel din is- |

| | | |
|---|---|---|
| | | seduta, jiffissa laqgħa mal-LESA u jiddiskuti l-każ u jagħmilha ċara li s-cctv ma ssirx b'mogħod li l-bibien ta' dawn ir-residenti jkunu jidhru. |
| | | |
| 4.3.3 | | Is-Sindku qalet li kienet mistiedna waqt għoti ta' fondi għall-attivitajiet ta' 'clean up the world 2019', fejn il-Kunsill ingħata l-ammont ta' 386.40Euro. Kien hemm qbil mal-Kunsillier inkarigat mill-ambjent Kenneth Farrugia biex għada jsir it-tindif fi Sqaq ta' b'Xejn taħt din l-iskema. |
| | | |
| ***4.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 4.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia rringrazzja lil dawk li b'xi mogħod urew is-sogħba tagħhom għat-telfa ta' missieru u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford li għalkemm tilfet lill-ommha fil-ġimgħa li għaddiet xorta waħda kompliet bix-xogħol biex ma twaqqafx x-xogħol tal-Kunsill.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato talab biex issir minuta silenzju għal ruħ ż-żewġ mejtin. Saret minuta silenzju u talba.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil kulħadd. |
| | | |
| 4.4.2 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia semma dawn is-suġġerimenti:<br>• biex il-Kunsill jirrikonoxxi l-fatt li persuna miż-Żurrieq salvat żewġ persuni minn għarqa f'Wied iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra uffiċċjali mill-Kunsill. F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex tali persuna tiġi nnominata għal-ġieħ iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Kbira jsiru poles biex it-trakkijiet li jgħaddu ma jagħmlux ħsara lil faċċata ta' residenza tal-familja Bugeja. Kien hemm qbil li tintbagħat talba ta' approvazzjoni lill-TM, u ittra lill-familja li l-Kunsill aċċetta u qed jistenna l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Biex id-dawl tal-Milied fi Triq P P Saydon isir mill-ġdid għax antik. F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba li s-sena l-oħra kien hemm xi ħsara u l-fustun ma xegħelx, ġabret stima mill-għaqda li jmissa tarma din is-sena. L-istima tal-fustun ġdid, hi ta' 500Euro. Kien hemm qbil li jsir għal dak il-prezz u jissewwew ukoll il-bozoz maqtugħa li hemm fil-kumplament tal-armar tal-istess triq, bi prezz ieħor miftiehem. F'dan il-punt il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li l-armar maqtugħ li hemm f'Bubaqra għandu jissewwa ukoll mis-soċjeta li tkun ser tarmah. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex jitneħħa bin li hemm imkisser fi Triq P P Saydon. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier inkarigat mill-ambjent qal li l-ħsieb tiegħu hu li jitwaħħal bin fejn kull każin u ħanut.<br>• Is-soft area fi Triq Ferdinando Falzon tinsab fi stat ta' abbandun u maħmuġa. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ser tittieħed azzjoni. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 4.4.3 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri ressaq dawn is-suġġerimenti:<br>• Biex fi Triq Dun Gwann Camilleri jsir xi ħaġa għax qed joqgħod kwantita ta' ilma fit-triq meta tagħmel ix-xita. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Infrasturcture Malta fuq il-każ.<br>• F'seduta oħra ser iġib stima għal water point biex tiġi installata f'xi ġnien pubbliku<br>• Biex il-bankina ta' Vjal il-Blue Grotto man-naħa tal-grawnds tinqala u issir bħal bankini oħra bil-konkos u mhux bl-islabs. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna ta' Infrastructure Malta.<br>• Biex Triq Ħal Far issir *no entry for heavy vehicles* minn Triq Santa Agata sa Triq il-Pluvieri. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fil-festi tar-raħal ikun hemm *bus stop* temporanju fejn il-pompa tal-petrol. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li f'dak il-post iżomm ħafna t-traffiku.<br>• Bex isiru *stop markings* ġodda fi Triq San Pawl. Kien hemm qbil li dawk eżistenti huma skont il-liġi.<br>• Biex fi Ġnien il-Ġibjun issir tabella ta' informazzjoni ta' insetti li jgħix fil-ġnien. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-għajnuna ta' persuna li tifhem fuq is-suġġett.<br>• Saru ilmenti minn residenti li filgħaxijiet qed ikun hawn irwejjaħ ta' xi ħaġa taqbad. Kien hemm qbil li hemm awtoritajiet li qed jinvestigaw il-każ.<br>• Issuġġerixxa biex il-kmamar f'Misraħ Mattia Preti jintużaw għal skop ta' edukazzjoni għaż-żgħażagħ, jekk jiġu f'idejn il-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Transport Malta biex jkun jista jużhom il-Kunsill u wara ssir diskussjoni fuq l-użu tagħhom. |
| | | |
| 4.4.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia għamlet dawn is-suġġerimenti:<br>• Biex il-Kunsill jagħti rikonoxximent lill-Perit Karmenu Vella, issa li wasal biex itemm il-kariga tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Resident fi Triq Fonzu Gauci qed jitlob biex issir *charging point* tal-vetturi, quddiem ir-residenza tiegħu (li lest li jiffinanzja hu stess) bil-kundizzjoni li ħadd ma jipparkja quddiemu. Ma kienx hemm qbil li jingħata tali permess u kien hemm qbil li dan ir-resident ikun imħeġġeġ li jinstalla l-apparat ġor-residenza tiegħu.<br>• Talba biex għall-attivita' li ssir kull sena fi Triq Fra Gan Marie Zammit, f'Halloween, il-Kunsill jgħati l-għajnuna tiegħu fl-iprintjar ta' posters, promozzjoni fil-paġna ta' FB tal-Kunsill u permessi tan-*no parking* fl-akwata. Kien hemm qbil li l-kunsill jgħin fil-permessi tan-*no parking* bla ħlas, imma ma kienx hemm qbil fuq l-istampar ta' posters u promozzjoni fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill. |
| | | |

<table>
<tr><td>4.4.3</td><td></td><td>Il-Kunsillier Marisa D'Amato għamlet dawn is-suġġerimenti:<br>• biex issir mera fi Triq Bronja faċċata ta' Triq Matteolo Saliba. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu fit-tindif ta' shelters li hemm f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra. Ma kienx hemm qbil fuq dan, għal fatt li tali shelters huma devoluti lil Soċjeta' fir-raħal u l-Kunsill ma jistax inaddaf postijiet privati.<br>• Biex id-dawl tal-Milied ta' Vjal il-Blue Grotto jiġi mqassam aħjar madwar il-palm. Kien hemm qbil biex ninfurmaw lill-kuntrattur li jinstalla d-dawl.<br>• Staqsiet li jekk il-Kunsill ma jieħux fondi għall-cat cafe, il-Kunsill kienx lest li jagħmlu xorta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-każ diġa tressaq għall-approvazzjoni tal-Planning Authority u jekk il-Kunsill ma jieħux fondi, xorta waħda jista jagħeml il-proġett, għax għandu fondi allokati fil-budget għal dan il-proġett.<br>• Staqsiet meta ser jitneħħew is-sleeping policeman li hemm fi Triq Sant Agata. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li jekk il-kuntrattur imqabbad ma kienx ser jagħmel ix-xogħol sal-ġimgħa li ġejja, ser tkellem kuntrattur ieħor.<br>• Fir-rigward tal-istrutturi tal-bebbux li hemm fi Triq il-Qrendi, sabet persuna li lesta li tagħmel il-manutenzjoni tagħhom. Kien hemm qbil li ġaladarba tali persuna għandha l-ktieb tal-VAT tista tibda l-manutenzjoni.<br>• Persuna offriet il-ġewwieni tal-magna ta' mitħna, lill-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku qal li tali persuna kienet diġa avviċinatu, imma meta l-każ, tressaq fis-seduta u l-kunsill kien tkellem mal-kuratur ta' dak iż-żmien kien ta l-parir li m'hemmx fejn titpoġġa fil-mitħna tax-Xarolla. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ssuġġeriet li jekk isir ir-restawr tat-torri tal-Wardija, tali magna tista titpoġġa ġo fih. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issir attivita' ta' qari u animazzjoni għat-tfal fi Ġnien il-Ġibjun fejn ikunu involuti l-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. Għal din l-attivita' jiġi mistieden Trever Zahra u xi karattri għall-animazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsiet fuq jekk il-Kunsill ikollu evidenza ta' persuna qed tarmi l-iskart, jiġix imħarrek. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tista tagħddi l-evidenza lill-pulizija.</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>4.4.4</td><td></td><td>Il-Kunsillier Kenneth Farrugi ressaq dawn is-suġġerimenti:<br>• bi sħab mal-awtorita' għall-ambjent ingħataw 45 siġra biex jitħawlu fi Ġnien il-Ġibjun, saret l-ewwel tisqija u l-Kunsill irid jieħu ħsieb li jsaqqi dawn is-siġar tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa.<br>• Fi Vjal ix-Xarolla ġew ordnati pots ta' wisa ta' metru, wara li inġabu stimi u fihom ser jitħawlu pjanti chicas li ser jingħataw bħala donazzjoni mingħand awtorita'.</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hemm bżonn ta' lampi ġodda fi Triq il-Barrieri fejn ser isir il-proġett ta' tisbieħ. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Ġnien il-Ġibjun tneħħew xi siġar mejta u minflokhom ser jitħawlu siġar tal-għargħar.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta (ħin 20:15) |
| | | |
| 4.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa dan li ġej:<br>• biex ħanut fi Triq l-Imqabba k/m Vjal il-Blue Grotto jiġi ordnat lilu biex waqt il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola ma jkollux trakkijiet iħottu l-merkanzija fil-ħanut, minħabba l-periklu għat-tfal li jkunu għaddejjien. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• l-ERA tat permess biex isir bexx madwar il-Mitħna tax-Xarolla u l-katakombi. Kien hemm qbil li jitqabbad il-contract manager fuq dan il-qasam biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ, minħabba li hu persuna kwalifikata. F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li f'xi parti tar-raħal jibda proċess ta' tqegħid ta' melħ oħxon biex jikkalma l-ħaxix salvaġġ.<br>• Biex fi Vjal l-Indipendenza ġos soft area fejn hemm it-telephone box, jinxtgħelu b'dekorazzjoni tal-Milied is-siġar li hemm. Kien hemm qbil li tali xogħol jingħata lill-kuntrattur li ħadem id-dawl ta' Vjal il-Blue Grotto.<br>• Biex il-kunsill news jibda jiġi ppubblikat fuq il-fb page tal-kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir manutenzjoni tal-konkos li hemm imkisser fi Triq Sant Agata k/m Triq Vinceno Caruana. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 4.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici għamel dawn is-suġġerimenti:<br>• il-Kunsill jgħati rikonoxximent lil żagħżugħa Mireya Bugeja li ġiet l-ewwel post fid-dixxipplina tal-ġira tat-800 metru li saret fil-11 ta' Settembru fir-Repubblika Ceka. Kien hemm qbil li jekk Mireya Bugeja toqgħod iż-Żurrieq jingħata dan ir-rikonoximent. Ser jiġi kkonfermat dan.<br>• Biex jinqata' l-ħaxix selvaġġ li hemm madwar l-akwata tal-grawnd tal-football taż-Żurrieq fi Triq il-Belt Valletta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 4.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud għamel dawn is-suġġerimenti:<br>• Biex issir bollard fi Sqaq Bur Langasa minħabba li għalkemm hemm tabelli ta' no parking, xorta waħda qed ikun hemm parkeġġ ta' vetturi, li mhux qed iħallu spazju biex tagħddi persuna. Kien hemm qbil li jinġieb permess minn TM u jiġu murija r-ritratti tal-każ.<br>• Issemmew 4 persuni għas-sotto kumitat tad-dekasteru tiegħu. Il-persuni ġew approvati mill-Kunsill.<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto sar xi xogħol ta' trinek biex jinxtegħlu l-bellisha |

| | | |
|---|---|---|
| | | lights tat-triq u ta' Triq Santa Katarina. Dawn ma sarilhom reinstatment tajjeb u l-lights xorta ma xegħlux. Kien hemm qbil li jerġa jsir rapport.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Kyle Mifsud ħareġ mis-seduta (ħin 20:30) |
| | | |
| | | |
| ***4.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 4.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jitressqu. |
| | | |
| | | |
| ***4.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 4.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** Wara li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand avukat, f'isem resident minn Triq Bronja fejn qed jallega li minħabba l-flexable bollards li sar f'nofs ta' triq, ir-resident qed isibha diffiċli biex jimmanuvra d-dgħajsa tiegħu 'l barra mill-garaxx. L-avukat tal-Kunsill irrisponda għal din l-ittra físem il-Kunsill u ta l-parir lill-Kunsill biex ineħħi l-bollard li qed tostakola l-garaxx tar-resident. ***Ma kienx hemm qbil fuq dan.***<br>b) L-avukat wieġeb f'isem il-Kunsill Lokali għall-ittra li ntbagħtet biex titneħħa bollard minn sqaq fi Triq Matteolo Saliba.<br>c) Intalbet sleeping policeman fi Triq Borgo Maggiore. Ir-resident Mangion li talabha irid li tali sleeping policeman titpoġġa quddiem ir-residenza tiegħu. Man-naħa l-oħra tat-triq hemm ħajt ta' għalqa mhux residenti. ***Ma kienx hemm qbil fuq dan.***<br>d) Intalab li jitwaħħal bank fi Trejqet il-Barrieri k/m Triq il-Mitħna (f'daħla). ***Ma kienx hemm qbil.***<br>e) Is-suġġeriment li kien sar biex issir sleeping policeman fi Triq Filippu Farrugia ma ġiex aċċettat mir-residenti tal-viċinanzi. ***Kien hemm qbil li ma ssirx.***<br>f) Biex Triq Sant Andrija minn Triq Vincenzo Caruana sa Vjal l-Indipendenza issir one way traffic, minħabba il-konġezzjoni li jkun hemm tal-vetturi kbar. ***Ma kienx hemm qbil fuq dan.***<br>g) Waqt laqgħa li s-Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Kenneth Farrugia kellhom mad-Direttur Ġenerali tad-Direttorat tal-Indafa pubblika, kien hemm qbil li d-Direttorat jgħati l-għajnuna tiegħu lill-Kunsill u kien lest li joffri kenniesa filgħaxijiet biex jaħdmu f'xi aktwati indikati mill-Kunsill. Aktar 'l quddiem il-ħaddiema lesti li jiġu bejn is-Sibt u l-Ħadd. ***Kien hemm qbil mill-Kunsill.***<br>h) Saret talba biex is-cctv li hemm fil-Misraħ Repubblika tilħaq ukoll lil dawk li jagħddu wrong way minn Triq San Mikiel. ***Kien hemm qbil fuq dan.*** |
| | | |
| 4.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infrumat li t-tender Supply of various street furniture and ancillaries ser tagħlaq fis 27 ta' Settembru, 2019. Kien hemm qbil li l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | aġġudikaturi ikunu l-Kunsilliera Tiffanny Ann Farrugia, Joseph D'Amato u Kaydem Schembri.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***4.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 4.6a | | Is-Segretarju Eżekuttiv reġġħet ressqet l-ilment tal-problema tal-ilma li għandhom residenti ta' Triq San Bartilmew faċċata tal-kappella. Hi infurmat li ġabret stima ta' xogħol ta' culvert li jibda minn quddiem tali residenti u jiżbokka għal culvert eżistenti fi sqaq fil-viċin. L-istima tlaħħaq is-somma ta' 3,180Euro li ma tinkludix VAT. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsir ix-xogħol taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li aktar 'l fuq minn din il-problema hemm residenti oħra li għandhoml-istess problema. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan, għax ġiet avviċċinata minn xi residenti. Intwerew ritratti li jindikaw din il-problema. Kien hemm qbil li minħabba li quddiem tali residenti hemm diġa culvert, l-ewwel irid ikun żgurat li dan jitnaddaf fl-immedjat u l-Kunsill jitkellem mal-perit għal parir tiegħu. |
| | | |
| | | |
| ***4.6b*** | | ***Laqgħa mal-Ispettur Roderick Attard*** |
| | | |
| 4.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ispettur ikkuntatja lill-Kunsill u informa li minħabba inpenji ta' xogħol urġenti ma setgħax jattendi għas-seduta. |
| | | |
| ***4.6c*** | | ***Contract Manager*** |
| | | |
| 4.6c.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab biex dan il-punt ikun imqajjem f'seduta oħra. Il-Kunsillier Dino Bonnici ssekonda dan il-punt.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **4.6d** | | **SKEDA GĦAT-TLUGĦ TAL-BANDIERA FUQ L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL** |
| | | |
| 4.6d.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li l-arblu ta' fuq l-uffiċċju tal-Kunsill għandu bżonn manutenzjoni kbira, għax jinsab fi stat ħażin ħafna. Kien hemm qbil li jinġabru stimi għal arblu tal-fiber, ta' tul ta' bejn 38u 40 pied.<br><br>Is-Sindku Rita Grima ssuġġeriet biex il-bandiera ta' fuq l-uffiċċju tal-Kunsill tittella' kuljum u titniżżel mezza lasta biss fil-funerali.<br><br>Waqt diskussjoni ma kienx hemm qbil fuq dan, minabba l-fatt li l-bandiera tissimbolizza messaġġ, għalhekk irid ikun hemm distinzjoni meta għandha titla. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil fuq dan:<br>• Il-bandiera tibqa titla fil-ġranet li hemm fil-lista li kien approva l-Kunsill preċedenti (tali lista ser terġa titqassam lill-Kunsilliera kollha ta' din il-leġislatura)<br>• Tintalab lista lill-Arċipriet ta' festi sekondarji u fihom għandha tittella ukoll il-bandiera.<br>• F'okkażżjonijiet speċjali għandha titressaq f'seduta l-approvazzjoni biex titla l-bandiera. Jekk l-okkażjoni speċjali tkun mgħarufa bejn seduta u oħra, l-Kunsillier li jkun jaf b'tali okkażjoni għandu jibgħat email lill-Kunsill u jinfurmah b'dan. Din l-email tkun iċċirkulata lill-kunsilliera kollha u jekk ikun hemm qbil tittella l-bandira għal tali okkażjoni. |
| | | |
| **4.6e** | | **Bdil fid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Qrendi.** |
| | | |
| 4.6d1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq qbil mill-Kunsill fis-seduta preċedenti, intbagħtet ittra lil kull resident fi Triq il-Qrendi biex isir magħruf jekk ikunx hemm oġġezzjonijiet li d-direzzjoni tat-traffiku ta' din it-triq issirx bil-kontra li hi bħalissa. Kienu l-maġġoranza tar-resident minn din it-triq li oġġezzjonaw li tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku u taw diversi raġunijiet***. Kien hemm qbil li il-Kunsill jikteb lill-TM u jiddiskuti il-każ qabel tittieħed deċiżjoni finali*** |
| | | |
| | | |
| ***4.6f*** | | ***Gabbani tal-festi*** |
| | | |
| 4.6f1 | | Waqt l-aħħar festa tar-raħal għalkemm il-Kunsill kiteb permezz tal-avukat, lill-avukat ta' Raymond Micallef li għandu l-posta 8, biex jersaq f'postu u mhux jieħu posta 7, xorta waħda baqa' ma resaqx tant li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom jagħmlu rapport fl-għassa taż-Żurrieq. Dan mhux talli ma resaqx, talli fetaħ estenzjoni mal-gabbana tiegħu. Għalkemm is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru jirrappurtaw l-għassa, Raymond Micallef webbes rasu u baqa' fejn kien.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu l-parir tal-avukat biex il-Kunsill ma jagħtix permess ieħor lis-Sur Raymond Micallef, fiż-żewġ festi tar-raħal. |
| | | |
| 4.6f2 | | Kien hemm qbil ukoll li mis-sena li ġejja l-gabbani li jarmaw fi Triq P P Saydon jintalbu jagħmlu meter tad-dawl temporanju, minflok jużaw generator. Dan minħabba ir-riħa u l-istorbju li jagħmel il-generator. |
| | | |
| 4.6f3 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jagħtix permess lil persuna li ramat mejda tat-tisjier tal-imqaret fi Triq P P Saydon. |
| | | |
| 4.6f4 | | Kien hemm qbil li mis-sena li ġejja kull applikant ta' gabbani fil-festi, jinżammlu |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-ħlas ta' 100Euro li jkopri għat-tindif li jsir waqt u wara l-festi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tieħu l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq dan. |
| | | |
| ***4.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 4.7.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jinqraw. |
| | | |
| ***4.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 4.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€82,619.97**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Kaydem Schembri u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***4.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 4.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30 ta' OTTUBRU, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __30____ ta' OTTUBRU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**